MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 970/2011

**Socjeta 360 Food Imports Ltd**

**Vs**

**Paul Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€576.23) liema somma hija rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2011 u bl-imghax legali mit-28 ta' Settembru 2011 u l-ammont ta' tlieta u ghoxrin Ewro u tlettin centezmu (€23.30) bhala konsult, kontra l-konvenut ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tas-6 ta' Gunju 2012, u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fis-6 ta' Gunju 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitta u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€576.23) flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2011 kif ukoll mas-somma ta' tlieta u ghoxrin Ewro u tlettin centezmu (€23.30) somma li tirraprezenta konsult kif ukoll mal-imghax legali mid-data tat-28 ta' Settembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------